Q&A 5 ta' Ġunju 2024

X'inhuma l-aħħar żviluppi?

Bħalma rajtu, il-gvern ikkomunika dirett mal-edukaturi u ta rendikont ta' aspetti finanzjarji tal-ftehim. Dan ma sarx b'komunikazzjoni mal-MUT għalkemm kien hemm qbil il-ġimgħa li għaddiet li l-MUT u l-gvern kellhom jiċċekkjaw il-workings flimkien. Kull attentat li għamilna minn nhar il-Ġimgħa 'l hawn biex niċċekkjaw il-workings ma wassal għal ebda riżultat.

X'fihom dawn il-komunikazzjonijiet?

Bħalma tafu fihom rendikont tal-allowances matul is-snin kif ukoll tas-salarju massimu ta' dan il-ftehim.

Huma korretti?

Fl-aspetti ġenerali huma korretti u qablu mal-workings tal-MUT. F'aspetti speċifiċi hemm xi wħud li mhumiex korretti jew għandhom xi ħaġa nieqsa. Eżempju l-ispecial programme allowance hija inkluża għall-għalliema tar-resource centres iżda mhux għal-LSEs. L-allowance tal-primarja mhix inkluża fl-emails kollha li ntbagħtu lill-għalliema tal-primarja. Probabbli hemm affarijiet oħra li għadna ma rajnihomx.

Il-ftehim ġie emendat?

Le, il-ftehim ma ġiex emendat sal-lum u għadu dak li ġie ppreżentat. Dak li ħabbar illum il-gvern għadu mhux parti mill-ftehim.

Il-proposta ta' Senior Teacher għadha hemm?

Din ma tissemmiex fid-dokumenti tal-gvern, allura jidher li l-gvern neħħieha u minflok ta allowances lil min qiegħed fuq Skala 7. Inkun ċerti dwar dan meta jsiru l-emendi fit-test.

X'emendi oħra hemm?

Is-snin biex LSE2 u KGE2 jimxu għal Skala 9 tnaqqsu. Id-differenza fil-progression bejn l-MTL u l-B.Ed. tnaqqset għal sentejn fil-każ tal-MTL u tliet snin fil-każ tal-B.Ed.

X'se jiġri issa?

Il-Kunsill tal-MUT se jiltaqa' llum sabiex tiġi diskussa s-sitwazzjoni kollha. Sadanittant nibqgħu naġġornawkom.